# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Il-Fontana

Is-Seba' Leġislatura

**Laqgħa numru 54**

**29 ta' Novembru 2016**

Il-Kunsill Lokali tal-Fontana ltaqa' fis-Sala tal-Kommunita' li tinsab fi Triq Ta' Mulejja fil-5.30pm.

**PREŻENTI:**

Saviour Borg – Sindku
Victor Cefai – Viċi Sindku
Horace Micallef – Kunsillier
Carmel Farrugia – Kunsillier
Mario Mercieca – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Ivan Attard – Aġent Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Saviour Borg ippresieda l-laqgħa.

Skont kif ġie deċiż fil-laqgħa preċedenti tal-Kunsill, din il-laqgħa ġiet rekordjata.

### 54.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

54.1.1 Il-Kunsillier Horace Micallef talab sabiex fil-paragrafu 5.17 fil-minuti tal-laqgħa tal-Ħamis 27 ta' Ottubru 2016, jinkiteb li hu qal li jħossu dispjaċut li xi ħaġa li tkun proposta minnu ma tiġix approvata mill-Kunsill filwaqt li jekk l-istess ħaġa tkun proposta minn xi ħadd ieħor tiġi approvata. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-korrezzjoni.

Is-Sindku irribatta dan l-argument billi sostna li dak li qed jgħid il-Kunsillier Horace Micallef mhux minnu. Eżempju ċar ta'dan huwa, fost l-oħrajn, il-*weekend break* li ser jorganizza l-Kunsill fil-bidu ta' Diċembru bħala parti mill-attivitajiet ta' Jum il-Fontana. Din l-attivita' kienet proposta mill-Kunsillier Micallef u ġiet approvata unanimament mill-Kunsill. Dan minkejja li s-Sindku informa lill-Kunsill li ma jistax jattendi minħabba raġunijiet personali.

54.1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2016 u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar it-Tlieta 15 ta' Novembru 2016.

### 54.2 Punti mqajma mill-minuti

54.2.1 Rigward iż-żjara li delegazzjoni mill-Kunsill ta' Serrone fl-Italja għamlet fil-Fontana bejn id-19 u l-21 ta' Settembru li għadda, is-Sindku Saviour Borg qal li jħossu offiż bil-kliem li qal is-Sindku Natale Nucheli fil-konfront tiegħu fl-email li bagħat fuqu fejn qal li hu marid għall-fatt li ma attendiex għall-ebda laqgħa li saret f'dawk il-jumejn. Il-Kunsillier Horace Micallef u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard infurmawh li kienu huma li qalu lis-Sindku u lid-delegazzjoni barranija li hu kien ma jiflaħx u dan sabiex il-Kunsill Lokali tal-Fontana ma jidhirx ikrah li ħadd mill-membri tiegħu (apparti huma) ma attendewx għal-laqgħat u ż-żjarat li saru. Is-Sindku qal li huwa għamel dan għax ma qabilx li l-Kunsill ta' Serrone bagħat disa' rappreżentanti minflok tnejn kif kien miftiehem oriġinarjament u mhux għax kien marid kif intqal lid-delegazzjoni ta' Serrone.

Huwa propona u l-Kunsill qabel li l-*email* li bagħat is-Sindku ta' Serrone lill-Kunsill tagħna wara li ntemmet iż-żjara tagħhom tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

54.2.2 Rigward il-pagament dovut lis-Sur Nicholas Zammit għas-servizz ta' ġbir ta' skart goff fil-lokalita', il-Kunsill qabel li għandna nitolbu lis-Sur Zammit sabiex jagħtina *invoice* bir-rendikont sħiħ tal-ġbir li jkun għamel qabel ma jiġi effettwat il-pagament. Dan peress li bħalissa l-kuntrattur qed joħroġ *invoice* skont in-numru ta' ġabriet li jindikalu l-iskrivan tal-Kunsill. Fuq proposta tas-Sindku, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lill-iskrivan biex jagħmel *follow-up* tal-ġbir li jkun sar biex nassiguraw li r-residenti jkunu nqdew minn dan is-servizz. Is-Sindku qal li, skont kif ġie deċiż f'laqgħat preċedenti tal-Kunsill, l-ammont ta' € 125 li tħallas mill-Kunsill għal servizzi ta' avukat fil-kwistjoni li kellna riċentament mas-Sur Nicholas Zammit ġie irtirat mill-garanzija bankarja tiegħu u din reġgħet ġiet imġedda mill-kuntrattur biex hekk l-affarijiet isiru skont ir-regolamenti.

54.2.3 Rigward il-pagament dovut lil Ta' Karolina Restaurant għal ikla li ġiet offruta lid-delegazzjoni ta' Serrone fl-Italja nhar l-20 ta' Settembru 2016, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nivverifikaw ma' sid ir-*restaurant* rigward l-ammont eżatt ta' persuni li kien hemm għall-ikla. Dan peress li skont l-invoice tiegħu l-ammont huwa ta' tmienja mentri fil-fatt kien hemm ħdax-il persuna.

54.2.4 Is-Sindku Saviour Borg qal li s-Sur Emmanuel Conti qed jagħmel xogħol ta' tindif u manutenzjoni fil-latrina pubblika ta' Triq Ta' Mulejja kull meta jinħass il-bżonn skont kif ġie deċiż fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill. Skont kif jistipula l-kuntratt li l-Kunsill għandu mas-Sur Xerri, l-ammont li ser jitħallas is-Sur Conti għal dan ix-xogħol ser jinqata' mill-kont tas-servizzi tiegħu għax-xahar ta' Ottubru.

**54.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li:

54.3.1 Matul ix-xahar ta' Ottubru, huwa ġabar il-*lapel badge* tiegħu mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali. Dan wara li sar ir-rapport lill-Pulizija li din kienet intilfet kif jistipulaw ir-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

54.3.2 Wara verifiki li saru mal-kumpanija *Go plc* rigward is-servizz tat-telefon li kien jintuża bħala *fax number*, jirriżulta li dan is-servizz m'għadx fadal użu tiegħu. Għaldaqstant, huwa propona u l-Kunsill qabel unanimament li dan is-servizz għandu jitwaqqaf.

54.3.3 Għandna nerġgħu niktbu lis-Sur Mark Formosa, Direttur Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex, sabiex jibgħat il-ħaddiema assenjati miegħu ħalli jagħmlu xogħol ta' manutenzjoni fuq it-tabella li hemm fl-inħawi tal-Għejjun li tfakkar il-bini mill-ġdid ta' Triq ix-Xlendi. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.4 Xi xhur ilu konna irċivejna korrispondenza mingħand il-Bank Ċentrali ta' Malta rigward sessjonijiet informattivi li l-Bank qed jorganizza biex jagħti informazzjoni dwar il-flus foloz li xi drabi jiġu ċirkolati. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-Bank Ċentrali sabiex naraw il-possibilita' li dawn is-sessjonijiet jiġu organizzati fil-lokalita' tagħna.

54.3.5 Għandna nwaħħlu mera ġdida fi Triq John Gaspard Le Marchant minflok dik li kien hemm peress li din taret bir-riħ. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.6 L-Awtorita' tat-Trasport approvat it-talba li ressaqna mill-Kunsill Lokali sabiex teħel mera ġdida mar-residenza ta' Mons. Rużar Borg fi Triq l-Isptar San Ġiljan. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna niktbu lid-Direttur is-Sur Mark Formosa sabiex din il-mera titwaħħal mill-ħaddiema assenjati miegħu.

54.3.7 Is-Sur Christopher Farrugia li joqgħod fi Triq l-Isptar San Ġiljan talab sabiex il-mera li kien hemm imwaħħla fuq arblu faċċata tar-residenza tiegħu tinqala' minn hemm u titwaħħal mar-residenza tiegħu. Dan sabiex ma jkunx hemm ostaklu fuq il-bankina. Il-Kunsill qabel unanimament ma' din il-proposta u ser inressquha għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.3.8 Rigward il-*payment vouchers* tax-xhur ta' Diċembru 2015 u Jannar 2016 li għadhom ma ġewx iffirmati mill-ex-Segretarju Eżekuttiv u l-minuti tal-laqgħa b'urġenza li saret nhar il-Ġimgħa 4 ta' Marzu 2016, liema minuti għadhom ma ġewx ippreparati mill-ex-Segretarju Eżekuttiv, is-Sindku informa lill-Kunsill li ser jieħu parir dwar x'jista' jsir f'dan ir-rigward. Dan peress li huwa nuqqas serju min-naħa tal-ex-Segretarju Eżekuttiv li din telqet minn hawn mingħajr ma iffirmat dawn il-*payment vouchers* u preparat il-minuti tal-aħħar laqgħa li għaliha kienet preżenti.

54.3.9 Fil-bidu ta' Novembru, ġiet sottomessa lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali applikazzjoni għal għotja finanzjarja ta' € 1000 taħt l-iskema tal-*lifelong learning* biex jinxtara tagħmir li jintuża waqt il-lezzjonijiet li qed jiġu organizzati fis-sala tal-komunita' matul il-ġimgħa bejn Ottubru 2016 u Mejju 2017. L-applikazzjoni tinkludi x-xiri ta' ħames imwejjed li sar matul is-sena li għaddiet, liema spiża tammonta għas-somma ta' madwar € 860. Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour

Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nixtru xi siġġijiet ġodda għal din is-sala' bi spiża li ma teċċedix is-somma ta' € 140.

54.3.4 Għandna niċċekkjaw maċ-Ċentru ta' Matul il-Jum għall-Anzjani f'Għajnsielem biex naraw kemm hemm residenti anzjani mill-Fontana li qed jattendu għall-attivitajiet li jsiru f'dan il-post. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.5 Għadhom kemm ġew ippubblikati fil-Gazzetta tal-Gvern u fuq is-sistema tal-*ePPS* id-dokumenti tal-offerti pubbliċi għal xogħol ta' *patching* fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili u xogħol ta' *resurfacing* fi Triq John Gaspard Le Marchant. L-ewwel offerta tagħlaq nhar it-Tlieta 27 ta' Diċembru fil-11am filwaqt li t-tieni offerta tagħlaq nhar il-Ħamis 29 ta' Diċembru fil-11am.

54.3.6 Rigward ix-xogħol ta' *resurfacing* ta' parti minn Triq il-Għajn, liema xogħol ser isir mill-Kunsill Lokali wara ftehim li kien hemm bejn il-Kunsill u l-Ministeru għal Għawdex, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nagħmlu laqgħa mal-Inġinier Charlie Camilleri mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma sabiex naraw nitolbu ħalli jinbidlu s-servizzi tal-ilma.

Is-Sindku qal li fis-sena 2012, id-Dipartiment tal-Gvern Lokali kien informa lill-Kunsill li ser jgħaddi somma ta' flus sabiex isir ix-xogħol ta' asfaltar ta' Triq il-Għajn u Triq l-Isptar San Ġiljan. Huwa propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna niċċekkjaw mad-Dipartiment tal-Gvern Lokali jekk din l-iskema għadhiex valida u jekk nistgħux nibbenefikaw minn dawn il-fondi biex inkunu nistgħu nagħmlu dan ix-xogħol. Peress li Triq l-Isptar San Ġiljan diġa' ingħatat l-asfalt mill-Ministeru għal Għawdex, ser nitolbu biss il-fondi għal Triq il-Għajn (il-parti fejn ser nagħmlu x-xogħol ta' *resurfacing*).

54.3.7 Madwar ħmistax jew tliet ġimgħat ilu, twaħħlet tabella minn Transport Malta biex il-*coaches* tal-*hop-on hop-off* jieqfu fit-Triq tax-Xlendi. Din saret minkejja li l-Kunsill ma tax l-approvazzjoni tiegħu wara li ntalab jagħmel dan mill-istess Awtorita' tat-Trasport. Wara diskussjoni qasira, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninfurmaw lil Transport Malta b'dan u nuruhom li l-konsultazzjoni li għamlu magħna kienet waħda fażulla għax fl-aħħar mill-aħħar xorta waħda din it-tabella twaħħlet.

54.3.8 Sar ix-xogħol ta' *patching* fi Triq il-Għajn u qtugħ ta' ħaxix fi Triq l-Isptar San Ġiljan mill-ħaddiema tad-Direttorat Proġetti u Żvilupp fil-Ministeru għal Għawdex. Dan wara talba li saret mis-Sindku bi tħejjija għall-festa ta' Sant'Andrija. Rigward il-*patching* li hemm bżonn isir f'partijiet minn Triq il-

Kappillan Ġużepp Hili, is-Sindku qal li dan għadu ma sarx minkejja li għaddew madwar xahrejn. Dan għax ma ntbagħatx ir-romblu biex jitwitta l-*cold asphalt* li kellu jixtri l-Kunsill. Fid-dawl ta' dan, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nerġgħu niktbu lis-Sur Mark Formosa sabiex jibgħat il-ħaddiema assenjati miegħu ħalli jagħmlu dan ix-xogħol. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li din il-materja ser jieħu ħsiebha hu.

54.3.9 Nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru saret żjara tal-E.T. il-President ta' Malta Marie-Louise Coleiro Preca fil-lokalita' tagħna. Din iż-żjara saret bħala parti mill-attivitajiet tal-Istrina 2016. Bħala rappreżentanti tal-Kunsill kien hemm is-Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Horace Micallef. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nitolbu lill-Uffiċċju tal-President sabiex jibagħtilna żewġ ritratti ta' din l-okkażjoni.

54.3.10 Għadhom kemm waslu l-*bollards* li konna ordnajna għal quddiem l-Għajn il-Kbira. Il-Kunsill diġa' ġab il-permess min-naħa tal-Awtorita' tat-Trasport biex dawn jitwaħħlu. Ser inwaħħlu wkoll strixxa magħhom biex isservi ta' *reflector* għall-benefiċċju tas-sewwieqa. Ser inqabbdu lil Chris Gauci biex jagħmel dan ix-xogħol.

54.3.11 Għandna niċċekkjaw ma' Transport Malta rigward it-talba li konna ressaqna għan-nom ta' Dr. Kris Borg LLD sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu fi Triq Wied Siekel peress li sal-lum kienu għadhom ma sarux. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.12 Irċivejna talba mingħand is-Sur Anthony Said ta' 10, Triq l-Isptar San Ġiljan, sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar quddiem bieb tal-intrata li għandu viċin ir-residenza tiegħu. Dan minħabba li qed isib diffikulta' biex joħroġ u jidħol bil-mutur tiegħu minn dan il-bieb. Is-Sur Horace Micallef qal li hemmhekk ma jistgħux isiru sinjali minħabba *policies* ta' Transport Malta. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nressqu din it-talba għall-approvazzjoni ta' Transport Malta.

54.3.13 Irċivejna korrispondenza mingħand il-Perit Clint Camilleri, *Senior Manager* ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li t-talba tas-Emmanuel Grech ta' 'Kenn Ġorġjan', Triq Ta' Mulejja, sabiex jitwalu b'metru s-sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar faċċata tar-residenza tiegħu ma ġietx approvata. Is-Sindku qal li ma jistax jifhem kif din it-talba li diġa' ġiet approvata mill-Kunsill u li mhi ser ittellef lil ħadd mhix qed tiġi approvata min-naħa ta' Transport Malta. Dan sabiex is-Sur Grech ikun jista' joħroġ faċilment mill-garaxx tar-residenza tiegħu. Wara

diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna nitolbu l-awtorizazzjoni ta' Transport Malta sabiex isiru sinjali li jipprojbixxu l-ipparkjar minn quddiem l-uffiċċju tal-Kunsill sal-kantuniera ta' ħdejn il-*playing field*.

54.3.14 Irċivejna korrispondenza mingħand il-Perit Clint Camilleri, *Senior Manager* ta' Transport Malta, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li, sabiex tkun tista' ssir il-kaxxa tal-parkeġġ riservata għall-muturi fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili, il-Kunsill irid jagħmel il-kaxxi bojod tal-parkeġġ matul it-triq kollha. Is-Sindku qal li ma jistax jifhem għalfejn qed tintalab din il-kundizzjoni. Huwa qal li meta saru dawn il-kaxxi, kellna oġġezzjoni qawwija min-naħa tar-residenti minħabba li kien qed jinħela ħafna spazju. Huwa qal ukoll li meta saret kaxxa għall-muturi fi Triq il-Qalb ta' Ġesu', Transport Malta kienet tat il-permess mingħajr ma qalet li jridu jsiru l-kaxxi bojod għall-karozzi. Il-Kunsillier Horace Micallef qal li għandna noqogħdu ħafna attenti biex ma nnaqqsux l-ispazju ta' parkeġġ. Huwa qal li ma jaqbilx li jsiru dawn il-kaxxi bojod minħabba li ser ikun qed jinħela ħafna spazju għalxejn. Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandna ninfurmaw lil Transport Malta li m'aħniex naqblu mal-proposta li jsiru l-kaxxi bojod tal-*parking* matul Triq il-Kappillan Ġużepp Hili minħabba li ser ikun qed jinħela ħafna spazju ta' parkeġġ u minflok qed nitolbu li ssir kaxxa waħda safra li tkun riservata għall-muturi. Dan sabiex il-muturi f'din it-triq jinġabru kollha f'post wieħed.

54.3.15 Irċivejna *e-mail* mill-Uffiċċju tal-Ombudsman li fiha ġejna nfurmati li l-ilment li ressqet is-Sinjura Amanda Abela rigward il-ħlas ta' sigħat li għamel bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill instab mhux ġustifikat mill-Ombudsman u għaldaqstant m'għandhiex dritt titħallas tagħhom. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li din l-*email* bid-deċiżjoni tal-Ombudsman għandha tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

54.3.16 Sal-lum għadhom ma nfetħux il-*merchant accounts* fiż-żewġ banek lokali sabiex ikun jista' jsir ħlas tal-permessi *online*. Dwar dawn kienet ħarġet ċirkulari fil-perijodu meta s-Sinjura Amanda Abela kienet Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill pero' dawn l-*accounts* baqgħu qatt ma nfetħu. Minħabba f'hekk, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel li għandna nagħmlu l-arranġamenti neċessarji biex dawn iż-żewġ *accounts* jinfetħu ħalli nkunu konformi mar-regolamenti tal-Kunsilli Lokali.

54.3.17 Matul ix-xahar ta' Novembru inxtraw żewġ *doggy bins* għal Triq Wied Siekel u tnejn oħra għal Triq Ta' Mulejja skont kif ġie deċiż f'laqgħat preċedenti tal-

Kunsill. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna nixtru *bin* ieħor għal Triq Ta' Mulejja.

54.3.18 Rigward il-każ anomalu tal-lezzjonijiet dwar il-*Herbal Life Nutrition* li qed isiru kull nhar ta' Erbgħa fis-sala tal-komunita', is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda komunikazzjoni uffiċjali min-naħa tas-Sinjura Suzanne Bonnici li hija responsabbli minn dawn il-korsijiet lilu jew lill-Aġent Segretarju Eżekuttiv dwar meta dawn ser isiru. Huwa qal li mhux ġust li għall-kors taz-*zumba*, il-Kunsill qed jitlob ħlas ta' parteċipazzjoni lil kull min jattendi filwaqt li għal dan il-kors mhux qed jintalab ħlas. Is-Sindku qal ukoll li mhix serjeta' li kellna nagħmlu telefonata biex insiru nafu li l-*instructor* li qed tagħmel dawn il-korsijiet hija mqabbda mis-Sinjura Bonnici.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li ġaladarba xi ħadd qed jiftħilha s-sala biex tkun tista' tagħmel dawn il-lezzjonijiet kull nhar ta' Erbgħa, bilfors li kien hemm xi tip ta' ftehim ma' xi uffiċjal min-naħa tal-Kunsill. Huwa propona u l-Kunsill qabel li għandna nitkellmu mal-iskrivan tal-Kunsill, is-Sur Christopher Buhagiar, biex naraw jekk kienx hemm xi ftehim miegħu u biex nivverifikaw kemm-il darba qed isiru dawn il-korsijiet. Il-laqgħa ġiet sospiża fis-6.35pm sabiex il-Kunsill seta' jitkellem mal-iskrivan tal-Kunsill (permezz tat-telefon) rigward din il-materja.

Wara li l-laqgħa tkompliet, is-Sindku Saviour Borg qal li mhux etiku li l-iskrivan tal-Kunsill jidħol għal arranġamenti ma' terzi persuni biex jiġu organizzati korsijiet fis-sala tal-komunita' mingħajr ma ssir komunikazzjoni mal-Aġent Segretarju Eżekuttiv jew mal-Kunsill. Ser tinġibed l-attenzjoni tal-iskrivan dwar dan in-nuqqas. Wara diskussjoni, is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv għandu jitkellem mas-Sinjura Suzanne Bonnici rigward din il-materja u biex jintalab ħlas min-naħa tagħha għall-fatt li qed tuża s-sala tagħna biex torganizza l-korsijiet tagħha.

Is-Sindku għamel riferenza għal każ li nqala' xi xhur ilu fejn sar jaf b'kumbinazzjoni mingħand l-iskrivan li l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet rifużjoni tal-ħlas li kien għamel il-Kunsill għall-assigurazzjoni tas-saħħa tal-Kunsillieri għall-perijodu Jannar-Mejju 2016. L-Aġent Segretarju Ivan Attard qal li ser jinforma lill-iskrivan tal-Kunsill biex jinfurmah b'dak kollu li jkun qed isir u dan peress li hu mhux dejjem ikun jista' jkun preżenti fl-uffiċċju tal-Kunsill minħabba n-natura tal-impjieg tiegħu mal-Kunsill.

54.3.19 Hemm bżonn nixtru tnax-il pjanta tas-sardinell għall-qsari tat-telgħa 'l isfel mill-Knisja u xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.20 Għandna nitkellmu mas-Sur Jason Curmi, Segretarju Eżekuttiv fil-Kunsill Lokali ta' Sannat u membru fil-bord tal-għażla tal-iskrivan tal-Kunsill, sabiex jerġgħu jiġu issiġillati r-riżultati tal-*interviews* li kienu saru f'Ottubru 2015 biex jimtela l-post vakanti ta' skrivan mal-Kunsill Lokali tagħna. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.21 Għandna norganizzaw l-ikla annwali tal-Milied għall-Kunsilliera, l-Aġent Segretarju Eżekuttiv u l-iskrivan għand iċ-Ċima Restaurant. Din l-ikla ser issir f'data li tiġi stabbilita aktar 'il quddiem.

54.3.22 Għandna norganizzaw l-ikla annwali ta' nofsinhar ta' Jum il-Milied lill-anzjani mil-lokalita' tagħna li jgħixu weħidhom. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.23 Għandna noħorġu l-fuljett 'Leħen il-Kunsill Tiegħek' li jkopri l-perijodu bejn Ġunju u Diċembru 2016. Dan il-fuljett bi-annwali jitqassam lejn l-aħħar tax-xahar ta' Diċembru. Il-Kunsill qabel ma' dan.

54.3.24 Fil-bidu ta' Novembru, is-Segretarjat Parlamentari għall-Fondi Ewropej ħareġ żewġ sejħiet separati immirati għall-Kunsilli Lokali sabiex jiġu implimentati proġetti li jikkonservaw l-ambjent rurali ta' pajjiżna u oħrajn li jikkonservaw l-enerġija. L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi sal-Ġimgħa 7 ta' April 2016 f'nofsinhar.

Is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna napplikaw taħt dan il-fond sabiex isir il-proġett ta' irranġar ta' diversi sqaqien pubbliċi fil-lokalita' bil-*porfido*. Il-Perit Anthony Bezzina diġa' issottometta l-applikazzjoni għal dan il-proġett quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar u qed nistennew risposta dwarha. Nistgħu wkoll napplikaw għal xi proġett relatat mal-enerġija.

Il-Viċi Sindku Victor Cefai propona u l-Kunsill qabel li għandna napplikaw ukoll sabiex nixtru *truck* li jaħdem bl-enerġija u li jintuża mill-ħaddiema assenjati magħna għal xogħol tal-Kunsill.

54.3.25 Irċivejna ċirkulari numru 43/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali intitolata 'Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2017'. F'din iċ-ċirkulari, id-Direttur tal-Gvern Lokali, is-Sur Adrian Mifsud, qed jinforma lill-Kunsill li l-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill Lokali tagħna għas-sena li ġejja tammonta għas-somma ta' € 144,326.03c. Dan ifisser żieda ta' € 4253.98c fuq is-sena 2016. Dan minkejja ż-żieda ta' erba' miljuni fil-*budget* tal-Kunsilli Lokali b'mod ġenerali.

54.3.26 Fil-preżent hemm applikazzjoni pendenti sottomessa mill-*Fontana Cottage Industries* quddiem l-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex parti minn din il-binja tinbidel għal *restaurant*. Din l-applikazzjoni għandha numru ta' riferenza PA/06736/2016 u d-dettalji tagħha huma kif ġej: *'Minor alterations at ground floor, including installation of tent at back of site, alterations and additions at first floor level and change of use of first floor from shop (class 4b) to restaurant (class 4d) Game Ltd Attn: Bella Cassar, Fontana Cottage Industries, Pjazza L-Ghejjun, Fontana, Gozo.'*

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-binja fejn qed jiġi propost li jsir dan ir-*restaurant* diġa' nbniet u hija fi stat ta' ġebel u saqaf. Huwa sostna li jekk dan il-permess jiġi approvat, ser tinħoloq problema kbira ta' parkeġġ għar-residenti li joqogħdu f'dawn l-inħawi, Pjazza l-Għejjun u l-bidu ta' Triq ix-Xlendi li hija t-triq prinċipali għall-bajja tax-Xlendi. Diġa' teżisti problema kbira bil-*coaches* fl-inħawi u ċertament li jekk dan il-permess jiġi approvat, din il-problema ser tkompli taggrava.

Il-Kunsillier Horace Micallef qal li jidher ċar li permess tal-bini diġa' jeżisti u staqsa kif din l-applikazzjoni baqgħet qatt ma resqet għall-konsiderazzjoni tal-Kunsill. Il-Kunsillier kompla jgħid li kien ikun aħjar jekk il-Kunsill oġġezzjona mill-bidunett. Is-Sindku Saviour Borg qal li huwa d-dover tagħna bħala Kunsill li nissalvagwardjaw id-drittijiet tar-residenti u tal-pubbliku in ġenerali.

Wara diskussjoni, il-Kunsill qabel unanimament li għandna ninkarigaw lill-avukat Dr. Jean Paul Grech LLD u lill-perit tal-Kunsill Anthony Bezzina sabiex iressqu oġġezzjoni formali għan-nom tal-Kunsill. Din għandha tasal għand l-Awtorita' tal-Ippjanar sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016.

54.3.27 Irċivejna korrispondenza mingħand Charles B. Spiteri, awtur ta' diversi kotba, li fiha qed jitlob lill-Kunsill sabiex jagħtih dettalji ta' xi anzjan mil-lokalita' li jista' joqgħod għal intervista dwar tradizzjonijiet Maltin u Għawdxin tal-passat. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel li għandna ngħinuh billi nissuġġerixxu anzjan mill-Fontana li jista' jkun utli f'dan ir-rigward.

54.3.28 Irċivejna korrispondenza mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa tal-Fontana, il-W.R. Kan. Dun John Muscat, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li t-tabelli tan-*no parking* fi Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali għadhom ma twaħħlux. Il-Kappillan staqsa wkoll dwar x'inhi l-pożizzjoni tal-Kunsill Lokali rigward it-tiżjin ta' Triq il-Għajn, Triq

il-Kappillan Ġużepp Hili u Triq John Gaspard Le Marchant għal żmien il-festi tal-Milied. Dan minħabba li skont il-Kappillan, il-Kunsill baqa' ma tahx risposta.

Is-Sindku Saviour Borg qal li l-Aġent Segretarju Eżekuttiv kien diġa' informa lill-Kappillan li t-tabella ingħatat u qed jieħu ħsieb ipoġġiha s-sagristan tal-Knisja. Rigward it-tiżjin tal-Milied, l-Aġent Segretarju informa lill-Kappillan bid-deċiżjoni li ħa l-Kunsill fil-laqgħa preċedenti.

54.3.29 Irċivejna korrispondenza mingħand il-Kappillan tal-Parroċċa li fiha qed jistieden lill-membri tal-Kunsill sabiex jattendu għall-Pontifikal tal-festa ta' Sant'Andrija nhar il-Ħadd 27 ta' Novembru u għall-Quddiesa tal-festa liturġika ta' Sant'Andrija nhar il-Ħadd 30 ta' Novembru. Din il-korrispondenza diġa' ġiet ċirkolata lill-Kunsilliera għall-attenzjoni tagħhom. Għall-Pontifikal tal-Ħadd 27 ta' Novembru attendew is-Sindku Saviour Borg u l-Kunsillier Horace Micallef.

**54.4 Rapport tal-bord tal-għażla tas-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard ippreżenta lill-Kunsill ir-rapport iffirmat tal-bord tal-għażla li twaqqaf mill-Kunsill sabiex jagħmel l-intervisti lill-kandidati eliġibbli li issottomettew l-applikazzjoni tagħhom biex jimlew il-post vakanti ta' Segretarju Eżekuttiv fuq bażi *part-time* mal-Kunsill Lokali tal-Fontana. L-intervisti saru nhar it-Tnejn 21 ta' Novembru u għalihom attendew erba' kandidati mill-ħamsa li kienu eliġibbli.

Il-Kunsill approva unanimament dan ir-rapport u għaldaqstant qabel unanimament li għandu jaħtar lis-Sinjura Heidi Grech bħala Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana fuq bażi *part-time*. Dan ir-rapport flimkien mad-dokumenti meħtieġa ser jintbagħtu lid-Dipartiment tal-Gvern Lokali biex ikun jista' jipproċedi bil-ħatra tas-Sinjura Grech f'din il-kariga.

**54.5 L-attivitajiet ta' Jum il-Fontana 2016**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li tqassam programm dettaljat tal-attivitajiet organizzati bħala parti minn Jum il-Fontana fir-residenzi kollha tal-lokalita' tagħna. Huwa qal li f'dan il-programm ġiet inkluża wkoll iż-żjara li l-E.T. il-President ta' Malta, Marie-Louise Coleiro Preca, għamlet fil-lokalita' nhar il-Ġimgħa 25 ta' Novembru u s-Serata Sant'Andrea li saret mill-Kummisjoni żgħażagħ Fontana bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

Is-Sindku qal li l-attivitajiet ser ikomplu nhar il-Ħamis 1 ta' Diċembru b'Quddiesa fis-6.00pm fil-Knisja Parrokkjali tal-Qalb ta' Ġesu' segwita minn attivita' soċjo-kulturali fis-sala tal-komunita'. L-Aġent Segretarju Ivan Attard informa lill-Kunsill li irċivejna erba' kwotazzjonijiet għar-riċeviment li ser isir fi tmiem din l-attivita'. Dawn huma kif ġej:

| **Isem** | **Prezz għal kull persuna (VAT inkluża)** |
|---|---|
| | |
| Dolceria Ropa | € 4.80c |
| Charles Azzopardi | € 2.68c |
| Mary Grima | € 4.12c |

Il-Kunsill qabel li għandna nagħżlu l-offerta ta' Charles Azzopardi minħabba li hija l-irħas waħda kwotata.

L-attivitajiet ta' Jum il-Fontana jissoktaw bil-*weekend break* għar-residenti li ser isir bejn il-Ġimgħa 2 u l-Ħadd 4 ta' Diċembru 2016. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li irċivejna tliet kwotazzjonijiet għal servizz ta' trasport f'Malta. Dawn huma kif ġej:

| **Isem tal-kumpanija** | **Prezz (VAT inkluża)** |
|---|---|
| | |
| Zarb Coaches | € 420 |
| Koptaco Coaches | € 365.80c |
| Paramount Coaches | € 295 |

Il-Kunsill qabel unanimament li għandna naċċettaw l-offerta ta' Paramount Coaches minħabba li hija l-irħas offerta kwotata.

L-attivitajiet relatati ma' Jum il-Lokalita' ser ikomplu b'ħarġa soċjo-kulturali madwar Għawdex nhar it-Tnejn 12 ta' Diċembru. Il-ħarġa tibda b'Quddiesa fid-9am fil-Knisja ta' Ġesu' Nazzarenu, ix-Xagħra, segwita minn żjara fit-Tempji tal-Ġgantija u ikla f'Tal-Furnar Restaurant. Il-ħlas tal-ikla ser ikun ta' € 6 kull persuna li jitħallsu minn dawk li ser jattendu. Is-Sindku propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna niċċekkjaw dwar il-possibilita' li l-grupp iżur ukoll lil Ta' Savina għal *tastings* ta' żmien il-Milied. Nagħlqu b'ħarġa soċjo-kulturali oħra f'Malta nhar il-Ħadd 18 ta' Diċembru fejn fost l-oħrajn ser inżuru l-*Christmas Village* fl-Għammieri (Ħal-Luqa), dawra sal-Belt Valletta għal ħin liberu u żjara lill-presepju tal-familja Bezzina f'Ħal Għargħur.

Il-Kunsillier Mario Mercieca irtira mil-laqgħa fis-7.15pm u kien skużat.

**54.6 Il-każ tal-*Gozo Concrete Products* kontra l-Kunsill Lokali tal-Fontana**

Is-Sindku Saviour Borg informa lill-Kunsill li tinħass il-ħtieġa urġenti li jingħalaq il-każ li kienet fetħet il-kumpanija *Gozo Concrete Products* kontra l-Kunsill Lokali tal-Fontana, liema każ instema' quddiem il-Bord tal-Appell għal deċiżjonijiet tal-Kunsilli Lokali dwar offerti pubbliċi.

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta kopja tal-parir li kien ta l-avukat Dr. Jean Paul Grech LLD f'Jannar li għadda.

Wara diskussjoni, is-Sindku Saviour Borg propona u l-Kunsill qabel unanimament li għandna ninkarigaw lill-avukat Dr. Jean Paul Grech sabiex jikteb ittra għan-nom tagħna li fiha jispjega l-pożizzjoni tal-Kunsill rigward din l-offerta. Din l-ittra għandha tiġi ċirkolata lill-Kunsilliera kollha qabel ma tintbagħat.

**54.6 Qari tal-Korrispondenza**

54.6.1 Ċirkulari numru 36/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata '*Templates* tal-Aġenda u l-Minuti'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.2 Ċirkulari numru 37/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Meta Kunsill Lokali jonqos milli jwettaq xi funzjoni'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.3 E-mail mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali li fiha d-Dipartiment qed jitlob lill-Kunsill Lokali sabiex jieħu parir legali rigward l-azzjoni li għandu jieħu fil-konfront tal-ex-Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill wara li din ma ressqitx korrispondenza uffiċjali mibgħuta mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għall-attenzjoni tal-Kunsill f'Jannar 2016. Il-Kunsill qabel li għandna nieħdu parir legali mingħand Dr. Jean Paul Grech LLD.

54.6.4 E-mail mill-Awtorita' tal-Ippjanar li fiha qed tinforma lill-Kunsill li l-bilanċ ta' flus li fadal għad-diżpożizzjoni tal-Kunsill taħt l-*Urban Improvement Fund* jammonta għas-somma ta' € 5708.78c. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.5 Ċirkulari numru 38/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Fondi Pubbliċi minfuqa għal finanzjament ta' Għaqdiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.6 Ċirkulari numru 39/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Seminar dwar l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena finanzjarja 2017 – nhar is-Sibt 12 ta' Novembru 2017'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.7 Ċirkulari numru 40/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Kodiċi ta' Etika'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.8 Ċirkulari maħruġa mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali intitolata 'Facebook page LCA'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.9 E-mail mingħand Brian Said, *senior investigating officer* fl-Uffiċċju tal-Ombudsman, li fiha qed jinforma lill-Kunsill li l-ilment li ressqet is-Sinjura Amanda Abela, ex-Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill, instab mhux ġustifikat mill-Ombudsman. Dan l-ilment kien jittratta l-ħlas tas-sigħat li għamlet bħala Aġent Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Skont kif ġie diġa' deċiż f'din il-laqgħa, din l-email ser tiġi annessa ma' dawn il-minuti.

54.6.10 E-mail mingħand Mary Lourdes Borg, *outlet manager* ta' Marion Mizzi Well Being, li fiha qed tistaqsi dwar il-possibilita' li jiġu organizzati sessjonijiet informattivi u trattamenti ta' *slimming* u dieta bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill Lokali tal-Fontana. Dawn is-sessjonijiet ikunu miftuħa għal dawk ta' kull eta' li għandhom problema ta' piż żejjed. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.11 Ittra mingħand Rev. Dun Manwel Cordina, Direttur Ġenerali tal-Fondazzjoni OASI, li fiha qed jirringrazzja lill-Kunsill Lokali tal-Fontana li għoġbu jonorah bil-premju 'Ġieħ il-Fontana 2016' bħala rikonoxximent għas-servizzi li din il-Fondazzjoni offriet u għadha konsistentement toffri b'riżq is-soċjeta' Maltija u Għawdxija. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.12 E-mail mingħand Carmen Grech, Segretarja tal-FGHPD, li fiha qed tistieden lis-Sindku u/jew rappreżentant tiegħu sabiex jattendi għas-seminar annwali li ser isir nhar il-Ħamis 1 ta' Diċembru bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jfakkru l-Jum Dinji għall-Persuni b'Diżabilita'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.13 E-mail mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar li fiha qed tistieden rappreżentant mill-Kunsill sabiex jattendi għal sessjoni ta' informazzjoni rigward it-tranżizzjoni mis-sistema l-antika għas-sistema l-ġdida tal-ħruġ ta' permessi għall-ippjanar. Din is-sessjoni ser issir nhar il-Ħamis 15 ta' Diċembru 2016 fl-uffiċċju tal-PA, il-Furjana. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.14 E-mail mingħand l-Awtorita' tal-Ippjanar li fiha qed tikkonferma li l-applikazzjoni tagħna għall-irranġar ta' diversi sqaqien pubbliċi fil-lokalita' ġiet konfermata bħala applikazzjoni kompluta fil-15 ta' Novembru 2016. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.15 Ċirkulari numru 41/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Rimunerazzjoni tal-Kenniesa tat-Toroq f'Kuntratti ma' Kunsilli Lokali'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.16 Ċirkulari numru 42/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Inizjattiva ta' Taħriġ dwar il-proċess ta' akkwist (*procurement*)'. Għal dan it-taħriġ li ser ikun immirat għas-Segretarji Eżekuttiv u li ser isir il-Ġimgħa 9 u t-Tnejn 12 ta' Diċembru, ser jattendi l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.

54.6.17 Ċirkulari numru 43/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Allokazzjoni Finanzjarja għas-sena 2017'. Għas-sena li ġejja, l-allokazzjoni totali għall-Kunsill Lokali tal-Fontana tammonta għal € 144,326.03c. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.18 Direttiva numru 05/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Donazzjonijiet'. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.19 E-mail mingħand il-kumpanija *Discovering Malta & Gozo* li fiha qed tistieden rappreżentanza mill-Kunsill sabiex tattendi għal konferenza bit-tema 'Community Based Tourism: Myth or Reality' li ser issir nhar il-Ġimgħa 16 ta' Diċembru 2016 fil-Kunsill Lokali tal-Mosta. Il-Kunsill innota l-kontenut.

54.6.20 Ċirkulari numru 44/2016 maħruġa mid-Dipartiment tal-Gvern Lokali u intitolata 'Seminar dwar Xandir Soċjali (*social media*), l-użu tal-*wi-fi* u taħriġ dwar opportunitajiet ta' fondi mill-programm *Europe for Citizens*'. Għal dan is-seminar

li ser isir nhar il-Ħamis 1 ta' Diċembru 2016 ser jattendi l-Aġent Segretarju Eżekuttiv Ivan Attard.

54.6.21 L-Aġent Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li llum irċieva komunikazzjoni mingħand il-*Pest Control Unit* ta'Malta li fiha nfurmawh li l-proċess kollu ta' *pigeon culling* bħalissa huwa sospiż wara li ġie irreġistrat ilment mingħand id-Direttorat għall-Ħarsien tal-Annimali. Dan peress li skont il-Liġijiet ta' Malta, il-ħamiem mhux ikkunsidrat bħala *pest*.

**54.7 Ilmenti mir-residenti**

54.7.1 Ittra mingħand xi residenti li joqogħdu fi Pjazza l-Għejjun li fiha qed jilmentaw rigward inkonvenjent li qed jinħolqilhom minħabba xi klieb li qed jitħallew magħluqa f'kamra fuq il-*Fontana Cottage*. Minħabba li dan huwa każ ta' infurzar, il-Kunsill qabel unanimament li għandna nressqu dan il-każ għall-attenzjoni tal-Pulizija.

**54.8 Approvazzjoni tal-Pagamenti**

L-Aġent Segretarju Eżekuttiv ippreżenta lill-membri tal-Kunsill l-iskeda ta' pagamenti għall-konsiderazzjoni u l-approvazzjoni tagħhom.

Il-Kunsillier Horace Micallef staqsa dwar il-ħlas lill-Perit Clayton Damato. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmah li dan il-ħlas huwa rifużjoni tal-pagament li s-Sur Damato għamel lill-Awtorita' tal-Ippjanar sabiex setgħet tiġi sottomessa l-applikazzjoni tagħna għall-permess biex diversi sqaqien pubbliċi fil-lokalita' jitranġaw bil-*porfido*.

Rigward il-ħlas dovut lill-Perit Angelo Portelli għal xogħol fuq *tenders* ta' xogħlijiet tal-Kunsill li ħarġu fis-snin 2011/2012, il-Kunsill qabel unanimament li dan il-pagament għandu jiġi sospiż sakemm jittieħed parir legali fuqu. Dan peress li l-kont intbagħat wara erba' snin minn meta ngħata s-servizz.

Rigward il-ħlas dovut lis-Sur Alex Gatt għal xogħol ta' tindif u manutenzjoni fil-latrina pubblika ta' Triq Ta' Mulejja, il-Kunsill qabel li dan l-ammont għandu jinqata' mill-ħlas li ngħaddu lill-kuntrattur Carmel Xerri għax-xogħol ta' tindif u

manutenzjoni ta' din il-latrina. Dan skont kif jistipula l-kuntratt li s-Sur Xerri għandu mal-Kunsill.

Rigward il-pagament dovut lill-kumpanija *Green Skips* għal xiri ta' żewġ *doggy bins* u ħames *litter bins*, il-Kunsill qabel li dan għandu jiġi sospiż minħabba li dawn il-bins ġew ordnati ħażin bi żball. Ser nitolbu lill-kumpanija sabiex tagħtina *doggy bin* ieħor u nitolbuha tieħu l-*litter bins* lura minħabba li m'għandniex bżonnhom.

Il-pagamenti l-oħra ġew approvati unanimament u ċ-ċedola ta' pagamenti ġiet iffirmata mis-Sindku u mill-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsill qabel unanimament li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar il-Ħamis 22 ta' Diċembru 2016 fil-5.30pm b'aġenda li tkun komunikata aktar 'il quddiem. Il-Kunsill qabel ukoll li dakinhar stess fil-5.00pm għandha ssir il-laqgħa tal-lokalita' li matulha jiġu diskussi l-estimi finanzjarji annwali (*budget*) għas-sena 2017.

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali intemmet fit-8.00pm.

**IFFIRMATA** **IFFIRMATA**

**Saviour Borg**
**Sindku**

**Ivan Attard**
**Aġent Segretarju Eżekuttiv**